**Suġġett**

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tal-25 ta' Jannar 2007 (Każ R 960/2006-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Creaciones Garel, SA u Gabel Industria Tessile SpA.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tal-25 ta' Jannar 2007 (Każ R 960/2006-2) hija annullata.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Gabel Industria Tessile SpA u l-UASI għandhom ibatu, kull wieħed minnhom, l-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 117, 26.5.2007.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Ġunju 2008 — WWF-UK vs Il-Kunsill

**(Kawża T-91/07)** ([1])

***(Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 41/2007 — Irkuprar ta' l-istokkijiet tal-merluzz — Stabbiliment tat-TAC għas-sena 2007 — Att ta' applikazzjoni ġenerali — Nuqqas ta' interess individwali — Inammissibbiltà)***

(2008/C 183/41)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* WWF-UK (Godalming, Surrey, Ir-Renju Unit) (rappreżentanti: R. Stein, solicitor, P. Sands u J. Simor, barristers)

*Konvenut:* Il-Kunsill (rappreżentanti: A. de Gregorio Merino u M. Moore, aġenti)

*Parti intervenjenti in sostenn tal-konvenut:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Oliver u M. van Heezik, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità u, għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid (ĠU 2007, L 15, p. 1), safejn huwa jistabbilixxi l-"qabdiet totali permissibbli" (TAC), għas-sena 2007, għas-sajd tal-merluzz fiż-żoni koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 423/2004 tas-26 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi miżuri għall-irkuprar ta' l-istokkijiet ta' merluzz (ĠU 2004, L 70, p. 8).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *WWF-UK Ltd għandha tbati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk inkorsi mill-Kunsill.*

3) *Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

([1]) ĠU C 117, 26.5.2007.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Ġunju 2008 — Atlantic Dawn *et* vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-172/07)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Kwoti ta' ħut — Regolament (KE) Nru 2371/2002 — Nuqqas ta' inċidenza diretta — Inammissibbiltà")***

(2008/C 183/42)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Atlantic Dawn Ltd (Killybegs, Donegal, l-Irlanda); Antarctic Fishing Co. Ltd (Killybegs, Donegal); Atlantean Ltd (Killybegs, Donegal); Killybegs Fishing Enterprises Ltd (Killybegs, Donegal); Doyle Fishing Co. Ltd (Killybegs, Donegal); Western Seaboard Fishing Co. Ltd (Killybegs, Donegal); O'Shea Fishing Co. Ltd (Killybegs, Donegal); Aine Fishing Co. Ltd (Burtonport, Donegal); Brendelen Ltd (Greencastle, Donegal); Cavankee Fishing Co. Ltd (Greencastle, Donegal); Ocean Trawlers Ltd (Killybegs, Donegal); Eileen Oglesby (Burtonport, Donegal); Noel McGing (Killybegs, Donegal); Mullglen (Dublin, l-Irlanda); Bradan Fishing Co. Ltd (Sligo, Sligo, l-Irlanda); Larry Murphy (Castletownbere, Cork, l-Irlanda); Pauric Conneely (Claregalway, Galway, l-Irlanda); Thomas Flaherty (Kilronan, Aran Islands, Galway); Carmarose Trawling Co. Ltd (Killybegs, Donegal); Colmcille Fishing Ltd (Killybegs, Donegal) (rappreżentanti: G. Hogan, SC, N. Travers, T. O'Sullivan, BL, u D. Barry, solicitor)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: K. Banks, aġent)

*Parti intervenjenti in sostenn tal-partijiet rikorrenti:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: N. Díaz Abad, abogado del Estado)